MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 413/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Philip Azzopardi**
**Anthony Mifsud**

**Illum 13 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Novembru 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghhom ta' ufficjali jew impjegati pubblici, bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, hadu interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellhom ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif

ukoll jekk kellhom din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 t’Ottubru, 2009, li biha, fid-dawl tar-risultanzi processwali lliberat lill-appellati mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex isib lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom u tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta’ l-appellati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti lliberat lill-imputati minhabba enuncjazzjoni zbaljata u inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi kif ser jigi spjegat aktar ‘l-isfel.

Illi l-imputati kellhom akkuza wahda, u cioe’ ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 124 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-Artikolu jistipola li:

***“124. Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi, bid-dieher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta’ persuna ohra, jiehu interess privat f’aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu ghal kollox jew f’parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din il-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, i-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta ‘prigunerija minn xahar sa sitt xhur, u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tieghu pubbliku.”***

Illi fid-deliberazzjoni legali taghha, l-Ewwel Qorti gustament ikkwotat fis-sentenza appellata l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat skond il-kummentarju ta' Giuseppi Falzon, fejn jinghad illi:

***"Gli elementi di questo reato sorgono chiaramente dai termini coi quali sono concepiti i detti articoli. Per questo reato egli e' necessario che si dichiari dal giuri':***

***1. che l 'accusato sia ufficiale od impiegato pubblico;***
***2. che abbia preso un interesse privato nelle aggiudicazioni, negli appalti o nelle amministrazioni, od in un affare in cui egli fosse incaricato di dare ordini di fare liquidazioni, di disporre o di fare alcun pagamento;***
***3. che lo ufficiale od impiegato abbia od abbia avuto la direzione o la vigilanza, nel tempo in cui le aggiudicazioni, gli appalti o le amministrazioni fossero cominciate e,***
***4. che gli atti commessi avuto luogo fraudolentenmente;***

**L-element ta' interess privat:**

Illi in kwantu ghall-element ta' l-interess privat l-ewwel Qorti ccitat lill-awtur Giuseppe Falzon fejn qal li kien mehtieg li jigi determinat li ***"che abbia preso un interesse privato nelle aggiudicazioni, negli appalti o nelle amministrazioni, od in un affare in cui egli fosse incaricato di dare ordini, di fare liquidazioni, di disporre o di fare alcun pagamento".*** Dan l-element huwa relevantissimu ghar-reat in dizamina izda l-Ewwel Qorti kjarament interpretat u applikat hazin dan l-element.

Illi primarjament l-esponent jissottometti l-Artikolu 124 sopra citat jitkellem dwar kull ufficjal jew impjegat pubbliku li *"jiehu interess privat f'aggudikazzjoni "*. L-ewwel Qorti fissret dan l-element billi qalet li "l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal dina id-disposizzjoni tal-ligi kien wiehed u cioe' illi ikun hemm sanzjonijiet penali ghal impjegat pubbliku li jokkupa u dana ghall-interess privat tieghu"

(emfasi ta' l-esponenti). Dan ma hux legalment korrett. L-Artikoiu relevanti ma jistipolax illi tali interess privat irid ikun necessarjament ta' l-ufficjal pubbliku koncernat. Jista' anki jkun ghall-beneficcju ta' l-interess privat ta' haddiehor b'dan illi I-agent tar-reat ma jiggwadanja xejn mill-atti illeclti tieghu;

Illi din i-interpretazzjoni hija konformi wkoll mad-deskrizzjoni moghtija mill-awtur Taljan Vincenzo Manzini u Ii ghaliha taghmel referenza l-istess Qorti fis-Sentenza appellata fejn jinghad illi:

“prende interesse privato nei detti atti il pubblico ufficiale, che in relazione ad essi compie un fatto d 'ingerenza qualsiasi per un illecito fine privato qualunque, a vantaggio proprio o altrui. Prendere interesse privato non equivale a ricavare utilita' privata, ma semplicemente ad interessarsi dell 'atto o nell 'atto, nel momento della sua proposizione, deliberazione, ratificazlone, modificazione, revoca, annullamento, esecuzione, ecc, in vista d 'una illecita finalita` privata qualunque. (emfasi ta' l-esponenti)

Waqt Ii l-Qorti kienet qieghda taghmel il-konsidrazzjonijiet taghha dwar l-element ta' interess privat il-Qorti dahlet f'konsiderazzjonijiet ghal kollox irrelevanti li necessarjament jirrizultaw f'enuncjazzjoni ulterjorment zbaljata ta' l-ipotesi legali relevanti. Di fatti l-ewwel Qorti issollevat zewg elementi illi, bid-dovut rispett, ma jirrinkwadraw xejn fl-elementi ta' l-Artikolu 124 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas fl-elementi kif elenkati mill-awtur Giuseppi Faizon sopra citat.

**(i) influweuza fuq terzi persuni;**

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti taghmel accenn ghall-fatt illi ma jirrizuItax illi l-appellati ghamlu xi forma ta' pressjoni jew influwenza fuq il-membri l-ohra tal-bord. Il-Qorti qalet hekk:

***“Illi qabel l-ghoti tad-decizjoni jidher illi l-Bord iddiskuta dina l-applikazzjoni. Illi mix-xhieda tal-membri l-ohra tal-Bord jirrizulta illi uhud hadu***

***decizjoni favur u ohrajn kontra il-hrug ta ' dana l-outline development permit. Fl-ebda hin ma jidher illi xi hadd mill-imputati b 'xi mod influwenza lil xi membru tal-Bord ghar-rigward tad-decizjoni li kellu jiehu. Dana ghall-inqas ma jirrizulta minn imkien mill-provi u huwa fatt ukoll mhux, ikkontestat. Il-membri kollha tal-Bord jidher illi hadu id-decizjoni taghhom fil-liberta".***

Aktar 'l quddiem, il-Qorti, waqt li kienet qed taghmel ir-riepilogu tal-kostatazzjonijiet taghha, qalet illi:

***"g. L-ebda wiehed mill-imputati ma ezercita xi influwenza fuq il-membri l-ohra tal-Bord li hadu id-decizjoni fil-liberta' u minghajr ebda konsultazzjoni".***

Illi bid-dovut rispett, l-element ta' influwenza o meno li l-appellati setghu ghamlu fuq il-kollegi taghhom huwa irrelevanti u ma jirrinkwadrax fl-elementi tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 124 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali konsiderazzjoni kienet tkun f'lokha kieku l-Qorti kienet qed tezamina ir-reat ta' meta persuna tuza l-influwenza li jkollha (Trading in influence) kif ikkontemplat fi-Artikolu 121 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat ma kienx wiehed minn dawk imputati.

Illi l-esponent jissottometti illi ghar-rigward ta' l-elementi rikjesti mill-Artikolu 124 tal-Kap. 9, huwa bizejjed illi, fil-kaz in dizamina, l-imputati kienu influwenzati fid-decizjoni taghhom, tant li biddlu l-interess pubbliku li kellhom vestit fl-ufficju taghhom ma interest privat li jmur kontra l-ufficju taghhom;

**(ii) qliegh maghmul mill-appellati:**

Illi fis-sentenza appellata, il-Qorti taghmel accenn ghall-fatt li ma jirrizultax illi l-appellati ghamlu xi qliegh mill-fatt li huma approvaw l-applikazzjoni. Testwalment, il-Qorti qalet illi:

***"Il-perit Philip Azzopardi ghandu ix-xoghol privat tieghu filwaqt illi l-imputat Anthony Mfsud kien wasal***

***biex jirtira. Dana qed jinghad peress illi mill-provi ma jirrizuitax illi l-imputati kemm finanzjarjament kf ukoll b 'xi mod iehor kienu ser jircevu xi beneficcju jekk jivvotaw favur il-hrug tal-permess. Ma jidhirx assolutament illi huma kienu gew imwieghda xi haga minn xi hadd. La ircevew xi flus u wisq anqas xi beneficcju iehor. Dana il-fatt ukoll mhux ikkontestat mill-prosekuzzioni. "***

Illi aktar 'l quddiem, dwar dan l-element, il-Qorti fir-riepilogu taghha tghid:-

***"c. Ma ircevew l-ebda flus u lanqas kienu mwiegheda xi flus.***
***d. Ma ircevew l-ebda beneficcju iehor u lanqas kienu mwieghda ebda beneficcju iehor. "***

Illi bid-dovut rispett, hawn ukoll l-esponent jissottometti illi dawn il-konsiderazzjonijiet huma irrelevanti u inapplikabbli ghar-reat in dizamina u huma manifestazzjoni lampanti li l-ewwei Qorti kienet qieghdha tinterpreta skorrettment in-natura legali ta' l-element ta' interess privat li skond il-ligi huwa wiehed generiku. L-konsiderazzjoni dwar jekk effettivament sarx qliegh o meno kienet tkun applikabbli kieku l-appellati kienu akkuzati bir-reat ta' korruzzjoni kif ikkontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ma kienx il-kaz.

Illi l-awtur sopra citat Vincenzo Manzini, kif anke ikkwotat mill-Qorti fis-sentenza appellata jghid li ***"Prendere interesse privato non equivale a ricavare utilita' privata, ma semplicemenle ad interessarsi dell 'atto o nell 'alto".***

Illi din il-konsiderazzjoni ta' l-esponent hija in sintonija wkoll mat-test tal-mibki Professur Anthony Mamo ikkowotat mill-Qorti fis-sentenza appellata fejn jinghad illi:-

***"If the public officer or servant has taken a private interest the value or amount of such interest is immaterial for the subsistence of the crime."***

Illi waqt l-analizi tal-fatti mill-Qorti kif jinkwadraw fl-ipotezi tal-ligi kif enuncjata mill-istess Qorti,jinghad illi:

***"Illi dana kollu iwassal lil Qorti sabiex minghajr l-ebda dubbju tistqarr illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova dana l-interess privat li kellhom l-imputati f'dina l-applikazzjoni. Altrocche', jirrizuita mill-provi prodotti illi huma ma kellhom l-ebda interess privat kjf trid il-ligi u dana ghal xi fini illecita"***

Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti illi kieku l-Ewwel Qorti enuncjat korrettement l-elementi tar-reat in dizamina minghajr ma ziedet l-elementi msemmija li huma estraneji ghall-kuncett guridiku taghhom kieku l-Qorti kienet issib li l-appellati effettivament issodisfaw ukoll dan l-element tar-reat: l-interess privat. L-esponent jissottometti illi l-influwenza fuq persuni ohra u il-qliegh maghmul minnhom huma ingredjenti ta' reati differenti minn dawk li bihom huma akkuzati l-appellati.

Ta' min jaghmel riferenza ghas-segwenti bran mill-kapolavur ta' Vincenzo Manzini f'dan ir-rigward fejn si tratta mill-element ta' interess privat:

***"Ne occorre che il fine privato, che il pubb!co ufficiale consegue o cerca di raggiungiere, sia assolutamente in conflitto con l 'interesse pubblico; basta soltanto che sia incompatibile funzionalmente: anche l 'illegittima, quantunque non dannosa, cointeressenza del pubblico ufficiale con la pubblica ammministrazione concreta il delitto inezame.*** (emfasi ta' l-awtur)

***Anzi, questo si presenta pur quando l 'interessamento a fine privato del pubblico ufficiale possa riguardarsi, sotto l 'aspetto economico o finanziario, come vantaggioso anche per la cosa pubblica..*** (emfasi ta' l-esponent)."

Mill-premess jirrizulta cjar li l-interess pubbliku ma jikkoincidix necessarament ma' l-interess tal-Gvern jew ma' l-vantagg ekonomiku jew finanzjarju lill-Gvern. Fil-kaz

inkwistjoni dak li kien fi-interess pubbliku kien li l-appellati jiehdu d-decizjonijiet taghhom bazati fuq ragunijiet ta' ippjanar kif jesigi l-artikolu 13 tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta u konsiderazzjonijiet obra li jirrigwardaw il-kwalitajiet jew karigi ta' persuni involuti fl-applikazzjoni jew il-vantaggi ghall-ekonomija jew ghat-turizmu huma konsiderazzjonijet f'dan ir-rigward li huma illeclti.

**L-element ta' appalt/agudikazzjoni/amministrazzjoni**

Illi dan l-aggravju jirrigwardja l-fatt dwar jekk il-funzjoni tad-DCC-A u tal-membri tieghu jistux jitqies illi huwa 'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni" ai termini ta' l-Artikolu 124 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti, waqt li kienet qed tezamina dan il-punt ikkonkludiet illi l-element ta' agudikazzjoni huwa x'aktarx l-aktar wiehed li jqarreb lejn dak li kienu mitluba jaghmlu l-imputati. Din hija biss parti mill-verita' kollha u in kwantu tali tammonta wkoll ghal enuncjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-ligi. Di fatti il-Kumitat li tieghu l-appellati kienu membri (id-DCC-A) huwa parti integrali mill-amministrazzjoni tal-process ta' ippjanar taht il-Kap 356. Ghalhekk il-partecipazzjoni ta' l-appellati fid-DCC-A kienet tammonta ghal sehem f'amministrazzjoni kif imsemmi fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali. Dan hu ta' importanza li jigi kjarit ghaliex il-Qorti wara il-premessa inkompleta taghha ikkonkludiet, ghalkemm erroneament, li hawn non si trattava ta' "aggudikazzjoni". Tant hu hekk li l-Qorti irriteniet:

***"Illi l-kelma aggudikazzjoni fil-kamp legali madankollu timplika l-aggudikazzjonijiet li isiru per ezempju fil-bejgh bis-subbasta. Illi anke il-Kapitolu 356 isemmi "decizjonijiet dwar l-Ippjanar" u 'decizjonijiet ta!-Kummissjoni' u minn irnkien ma tohrog il-kelma aggdikazzjoni. Illi ghalhekk il-Qorti ukoll ghar-rigward ta' dana l-element kostituttiv ta' dana ir-reat tqis illi f'dana ir-rigward ma giex ippruvat illi l-funzjonijiet ta' l-imputati bhala ufficjali publici kienu konnessi ma' xi tip ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni stante illi huma hadu decizjoni dwar***

***l-ippjanar ai termini ta' dak dispost fil-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi per ezempju il-ligi isemmi il-kelma agudikazzjoni fId-disposizzjoniet li jrrigwardaw il-bejgh bl-irkant fil-Kodici tal-Organizazzjoni u l-Procedura Civili, l-aggudikazzjoni ta' tenders fost ohrajn, izda d-decizjoni li tittiehed f'dana il-kaz ma tissejjahx aggudikazzjoni li allura timplika illi qed issir ghazla bejn diversi persuni dwar min ser jigi moghti xi haga!"***

Illi anki l-premess hu legalment zbaljat. Hija proprju l-funzjoni legali tad-DCC-A Ii jiggudika applikazzjonijiet li jigu a konjizzjoni tieghu u f'dan il-process necessarjament taggudika min ghandu ragun bejn il-MEPA u l-applikant. Din id-decizjoni hija wahda li torbot il-partijiet kollha ikkoncernati, inkluza il-MEPA stess. In
fatti, l-Artikolu 13(3) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipula illi

***"(3) Id-decizjonijiet tal-Kummissjoni, inkiuz kull permess ghall-zvilupp mahrug minnha, ghandhom jitqiesu li huma, u ghandhom ikollhom l-istess sahha u effett daqs, decizjonijiet ta' l-Awtorità, hlief dwar materji li l-Awtorità espressament tirriserva ghaliha jew tehtieg !i jigi riferit lilha ghal decizjoni; u l-espressjoni "decizjoni ta' l-Awtorità", kull fejn tidher f 'dan l-Att, ghandha tiftiehem hekk"***

Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottmetti illi l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-kelma 'aggudikazzjoni' hija skorretta.

Illi kieku l-ewwel Qorti enuncjat korrettement il-ligi in materja il-Qorti, fuq l-iskorta ta' l-evidenza prodotta, kienet issib lill-imputati hatja kif imputati.

Di fatti, mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat Philip Azzopardi, l-imputat jghid illi
***"kienet l-insistenza ta' Jeffrey Pullicino Orlando li wasslitni ghal din id-decizjoni.*** **Kieku kont nivvota le"** (emfazi ta' l-appellant);

Illi aktar minn dan, fix-xiedha moghtija minnu viva voce fl-I ta' Gunju 2009, l-imputat Philip Azzopardi ikompli jimrah fuq din id-domanda u jghid illi:
***"Philip Azzopardi: u l-insistenza tieghu kienet propju minhabba li dan il-progett kien importanti ghat-turizmu. Dik kienet l-insistenza. "***

Illi aktar 'l quddiem fl-istess x-xiehda tieghu, l-imputat Azzopardi, in kontro ezami, ikompli jispejga din it-twegiba moghtija minnu fl-istqarrija rilaxxata minnu:

***"Spettur Angelo Gafa: Mela issa spjegalna ftit ghax hawnhekk meta gejna ghall-mistoqszja x 'tip ta pressjoni, hawn meta bdejna fuq il-pressjoni, f'certu mistoqsiet nidhlu in depth u f'ohrajn taparsi lanqas biss qeghdin hemmhekk. Spjegalna ftit din l-insistenza x 'kienet u allura issa ghalfejn din l-insistenza gieghlitek tivvota favur u mhux kontra kf kieku kont ser taghmel?***

***Philip Azzopardi: L insistenza kienet illi din kienet importanti ghat-turizmu:***

***Spettur Angelo Gafa: Kellu jkun Pullicino Orlando li jikkonvincik fuq dan allura?***

***Philip Azzopardi: Le mhux kellu jkun Pullicino Orlando, imma hu insista, hu kienu l-uniku wiehed li beda jinsisti. Jien ha nghid ohra kien hemm anke Lawrence Vassallo insistat [sic], tajjeb, ifhimni jekk bniedem qed jinsisti u jghidlek "Dik hija importanti ghat-turizmu ". Int tifhem li dik il-persuna qieghed hemm, qed jara l-prezent tat-turizmu wkoll, tajjeb, ghaliex? Ghax bniedem li kellu ghall-qalbu l-environment, kien bniedem li kellu ghall-qalbu t-turizmu, tajjeb u qed jinsisti mieghek, "Isma din important ", araw din hija fabrikazzjoni li ser tigi hija importanti ghall-applikazzjoni li hemm ta 'l-MTA illi dawn iridu jkunu jaqblu ma xulxin. U dawn allura hija importanhi. Allura jekk bniedem qed jghidlek li din hija importanti, allura ma tiehux into consideration li dik hija importanti ghat-turizmu."***

Illi l-esponent jissottometti illi l-opinjoni originali ta' Philip Azzopardi dwar din l-applikazzjoni kienet wahda sfavorevoli, izda kemm minhabba l-insistenza ta' l-Onor. Jeffrey Pullicino Orlando, kif ukoll minhabba l-fatt illi kien qed jara importanza ghat-turizmu f'din l-applikazzjoni, huwa iddecieda li jivvota favur din l-applikazzjoni -minkejja t-tlett rapporti negattivi li gew sottomessi mill-entitajiet specjalizzati fuq l-ambjent u li kienu ikkonsultati mid-DCC-A;

Illi, bir-rispett, l-esponent jissottometti illi anke jekk stess dan il-progett kien tassew vitali ghat-turizmu f'Malta (nonstante li fl-applikazzjoni de quo imkien ma jidher illi l-Gvern kien applikant jew li kellu xi interess), l-obbligu ta' l-imputat Philip Azzopardi kien illi jissalvagwardja l-interess ambjentali u ta' l-ippjanar - ghax dak kien ir-remit tieghu fid-DCC-A, u ma jharisx lejn l-interessi ta' oqsma ohra tal-Gvern;

Illi l-esponent jissottometti illi l-interess privat f'dan ir-rigward kien sodisfatt ma!-mument illi l-appellat Azzopardi ibbaza l-bidla fl-opinjoni tieghu fuq kunsiderazzjonijiet ohrajn u li kienu kuntrarji ghall-obbligi u d-dmirijiet tieghu bhala chairman tad-DCC-A;

Illi Anthony Mifsud, fl-istqarrija rilaxxata minnu fis-6 ta' Marzu 2008

***"M: Ara nghidx se li intom bhala Bord tad-DCC, b 'mod specjali, inti u c-Chairman Philip Azzopardi, wasaltu ghal din id-decizjoni minhabba pressjoni politika li kellkom?***
***T: Jekk tista' tghidilha politika, iva. "***

Fix-xiehda moghtija viva-voce fl-I ta' Gunju 2009, l-imputat Anthony Mifsud ikompli jispjega fuq dan il-punt illi:

***Anthony Mifsud: Ahna meta ltqajna f'dak il-bord mhux ghax kien ikun hemm l-applikant bil-fors irridu insibu soluzzjoni jew hekk. Gieli we stayed by the recommendation u nghidu "Le me jistax ikun ". il-fati***

***li kien hemm prezenti, dan tirrejalizza li dan kien rapprezentant tal-gvern. Potenzjalment jista' ikun anke li ghada pied ghada jkun Ministru tat-Turizmu u ahna f'dak l-istadju konna qeghdin nahsbu li dan qieghed jirrapprezenta mm naha ta!-MTA biex bha!a progett turistiku ghall-istat.'***

Illi fuq dan il-punt, l-esporient jissottometti illi r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita f'idejn diretturi jew segretarji permanenti u mhux f'idejn Membru Parlamantari u wkoll illi kieku dan kien tassew progett turstiku importanti ghall-Istat, kieku l-minimu jitiob illi l-Gvern kien ikun rapprezentat minn persuni ufficjali li hdan il-Ministeru tat-Turizmu!

Illi di piu', l-imputat jistqarr fl-Istqarrija tieghu tas-6 ta' Marzu 2009 illi:

***"M: "Naqblu li kienu dawn il-laqghat li lilek influwenzawlek id-decizjoni tieghek?***
***T: Naqbel***
***M: Tista jekk joghgbok tispjega b 'liema mod influwenzawlek id-decizjoni?***
***T: Ghaliex wara dawk id-diskussjonjiet kien gie sottomess ir-rapport ta' l-MTA li fil-partijiet li kienu nqraw fil-laqgha tad-DCC kien jidher li kien favorevoli tal-progett. "***

Fl-istqarrija ta' l-istess appellat Mifsud, datata is-7 ta' Marzu 2008, mistoqsi dwar jekk huma waslux ghad-decizjoni li hadu fil-bord minhabba pressjoni li saritilhom hu jghid illi:

***"Naqbel li saret pressjoni fuqi u fuq Philip Azzopardi'"***

Aktar 'l quddiem, meta mistoqsi dwar il-fatt li huma ddecidew kif iddecidew fuq insistenza li kellhom minn Jeffrey Pullicino Orlando u Lawrence Vassallo, hu jghid:

***"Ahna influwenzati zgur konna fid-decizjonijiet li hadna, peress li waqt dawn l-informal meetings ahna***

***hadna commitment fuq ir-rapporti li kienu mitluba mill-board".***

Aktar 'l quddiem, hu jghid ***"Nahseb li ddecizjoni kienet tinqata' qabel ma ntallbu r-rapporti, u konna niddeciedu ghal refusal"***

Illi fix-xiedha moghtija minnu viva voce fl-1 ta' Gunju 2009, l-imputat Mifsud jghid:

***Anthony Mifsud : Jien fil-bidu kien 'outright refusal', bdiltu minhabba dawn l-emendi li saru u minhabba li kien qieghed jidher car li t-turizmu qieghed favuru. Dik kienet ir-raguni li ahna bdejna narawh b 'certu favorevoli. Pero xorta nibqa' ninsisit li ahna ma konniex mija fil-mija (100%) li ghandu johrog 'subject to those conditions', it-Traffic Impact Assessment.'***

Illi f'dan ir-rigward, l-appellat Anthony Mifsud, similment ghall-imputat Philip Azzopardi, hu wera l-interess privat tieghu fil-mument illi hu iddepartixxa mill-obbligi imposti fuqu mill-ufficju tieghu u minflok iddecieda taht l-influwenza u interess illi dan il-progett allegatament importanti jigi approvat - a skapitu tad-dannu ambjentali irrevokabli li tali approvazzjoni kienet se ggib maghha.

Rat is-Sentenza preliminari taghha tas-27 ta' Settembru, 2012 fejn iddecidit illi l-appell ta' l-Avukat Generali irid jigi meqjus sa fejn qieghed jikkritika l-ewwel Qorti illi nterpretat jew applikat hazin il-Ligi izda mhux li nterpretat hazin il-provi li ngabu quddiemha. Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Generali fuq dan il-punt ta' Ligi kif ukoll dik ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat.

L-agravju ta' l-Avukat Generali huwa msejjes fuq kelma wahda illi wzat l-ewwel Qorti f'pagna 6 tas-Sentenza fejn qalet *"L-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal din id-dispozizzjoni tal-ligi kien wiehed u cioe illi jkun hemm sanzjonijiet penali ghall-impjegat pubbliku li jabbuza mil-kariga li jokkupa u dana ghall-interess privat <u>tieghu.</u>"*

(Sottolinjar ta' din il-Qorti). L-Avukat Generali qieghed korrettament jargumenta illi dan l-interess privat ma riedx ikun limitatamament ghal beneficcju ta' l-ufficjal pubbliku izda jista jkun ukoll ta' terzi u ghalhekk qieghed jghid illi l-ewwel Qorti nterpretat il-Ligi hazin.

Ikkunsidrat.

Minn qari akkurat tas-Sentenza kollha ta' l-ewwel Qorti ssib illi dina ghamelt studju akkademiku u profond komplet tal-kuncett ta' l-interess privat fejn ikkwotat awturi klassici kif ukoll aktar ricenti dwar it-tifsira u minn fejn originat dan il-kuncett ta' nteress privat. Huwa veru illi l-interess privat ma jridx ikun biss ta' l-ufficjal publiku u l-inkluzjoni ta' dik il-kelma *"tieghu"* hija zejda u ma kelliex tidhol f'dak il-kuntest. Pero' jidher illi dan kien lapsus ta' l-ewwel Qorti illi dahlet biss f'dik is-sentenza u ma giex ripetuta lanqas fi studju Magisterjali illi ghamlet f'dan il-kuncett fejn ikkwotat lil Maino illi jirreferi specifikament ghal *"....prende un interesse privato, qualunque sia l'entita di questo."* (pagna 8 tas-Sentenza). Ikkwotat ukoll lil Manzini *".... per un illecito fine privato qualunque, a vantaggio propio o altrui ..... in vista di una illecita finale privata qualunque"* (pagna 8 tas-Sentenza). Finalment il-Qorti kkonkludiet illi *"Dana ghaliex ir-reat jimmaterjalizza ruhu hekk kif l-ufficjal pubbliku jiehu dan l-interess privat f'xi att illi jaqa' fil-malzjonijiet tieghu u dana ghal kwalunkwe fini illecita."* (pagna 9 supra).

Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dan l-argument u l-ewwel Qorti sejset il-konsiderazzjoni taghha fuq dan il-kuncett u ma llimitatx ruhha biss ghall-interess privat ta' l-ufficjal pubbliku u ta' haddiehor. Ghalhekk meta l-Qorti tiehu l-assjen tas-Sentenza, l-argumenti u l-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, ssib illi dawn huma legalment korretti u ma ghandhom l-ebda bazi fuq dik il-kelma zejda *"tieghu"* uzata f'pagna 6 illi baqghet izolata u mkien aktar ma l-ewwel Qorti qalet li l-interess privat irid ikun <u>biss</u> ta' l-ufficjal pubbliku, anzi kif inghad propju l-oppost fl-isfond tat-taghlim korrett ta' l-awturi kkwotati. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ma tistax ticcensura r-ragunament ta' l-

ewwel Qorti fit-tifsira taghha ta’ nteress privat illi jibqa wiehed legalment korrett u gustifikabbli akkademikament.

Peress illi l-Qorti hija prikluza milli tikkunsidra l-fatti, peress illi l-Avukat Generali m’ghandux appell minn dawn wara li qieset illi r-ragunament ta’ l-ewwel Qorti ghal dawk li huma l-aspetti legali tat-tifsira tal-kuncett ta’ nteress privat huma korretti, taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------